MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Numru. 803/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Simon Haber ta’ 30 sena iben Paul u Joan nee’ Debrincat, imwieled Pieta fid-29/10/1982, residenti f’ 9, Sunshine Flat 7, Triq ir-Ramel, St.Paul’s Bay, Malta detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 605782(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Simon Haber fejn huwa gie akkuzat talli:

i. Fl-4 ta’ Awwissu 2010 u fix-xhur ta’ wara, kif ukoll ta’ qabel, f’Malta kif ukoll barra minn Malta, ippromuova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta’ zewg persuni jew iktar bil-hsieb li jaghmel reati kriminali u dana

bi ksur ta’l-artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u aktar talli;
ii. Fl-istess zminijiet u cirkostanzi fuq imsemmija bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habbrek biex persuna ohra tidhol jew jaghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog jew tghaddi minn jew taghmel tentattiv biex tghaddi minn jew taghmel tentattiv biex tohrog minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta sew barra minn Malta ikkongura f’dak is-sens ma xi persuna ohra, bi ksur ta’l-artikolu 337A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat n-nota ta’ rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-11 ta’ Mejju 2011.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari tan-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b’mod ewlieni bir-reat tat-traffiku tal-persuni sabiex jiddahhlu jew jinhargu minn Malta illegalment. Illi dana ir-reat “gdid” gie inkorporat fis-sistema penali taghna bl-Att III ta’l-2002 meta beda diehel f’pajjizna il-fenomenu ta’l-immigrazzjoni illegali fil-maggior parti taghhom ta’ nies gejjien minn pajjizi gewwa l-Afrika, nies li wara li ikunu diga gew sfruttati minn traffikanti f’pajjizhom, jasslu Malta u jippruvaw jaharbu minn hawn bit-tama li ifitxxu futur ahjar barra minn xtutna jew li jinghqadu ma’ familjari taghhom li ikunu jinsabu f’pajjizi ohra gewwa l-Ewropa. F’dana ix-xenarju ghalhekk spiss dawn in-nies jergghu jispiccaw vittmi ta’ traffikanti li sabiex jaghmlu xi forma ta’ qligh ighinu lil dawn in-nies sabiex jilhqu l-ghan taghhom.

Illi l-ghan ta’l-emendi introdotti ghal Kodici Kriminali permezz ta’l-Att III ta’l-2002 kien illi ikun hemm l-ghodda legali sabiex tghin “fil-glieda kontra min ikun qieghed jittraffika u jistghana minn fuq l-immigranti illegali.”[1] Fil-fatt Malta addottat l-konvenzjoni tal-Gnus Maghquda maghrufa bhala the United Nations Convention Against Transnational Organized Crime u l- protocols li jaghmlu maghha f’Settembru ta’l-2003, fejn fl-artikolu 3 tal- Migrant Smuggling Protocol jinghata definizzjoni ta’ dana ir-reat bhala “...**the procurement, <u>in order to obtain, directly or indirectly, a financial or other material benefit</u>,** of the illegal entry of a person into a state party of which the person is not a national.”[2] (sottolinjar tal-Qorti)

Illi maghdud dana jidher car illi element essenzjali ghal kostituzzjoni ta’ dana ir-reat huwa illi l-persuna li tassisti jew tghin sabiex persuna ohra tidhol jew tohrog mill-pajjiz, irid ikun ghamel dan bi skop ta’ qligh, ikun xi ikun. Dana huwa inkorporat fid-dicitura tal-ligi li fl-artikolu 337A ighid testwalment:
“**<u>Kull min bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun,</u>** jgħin,jassisti, jagħti parir jew iħabrek biex persuna oħra tidħol jew tagħmel tentattiv biex tidħol jew toħroġ jew tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex tgħaddi minn jew tagħmel tentattiv biex toħroġ minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta sew barra minn Malta, jikkonġura f’dak is-sens ma’ xi persuna oħra jista’, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, jeħel ….”

Il-protokol isemmi “**<u>financial or other material benefit</u>**” li ghalhekk jaghmilha cara illi irid ikun hemm xi forma ta’ gwadan, mhux necessarjament wiehed pekunjarju, izda necessarjament il-qligh irid ikun wiehed materjali, wiehed tangibbli u mhux xi tip ta’ beneficcju morali jew tejoretiku. Dana qed jinghad ghaliex fit-trattazzjoni orali taghha d-difiza indikat gurisprudenza ta’ dawn il-qrati fejn dana il-

[1] Ara Dibattitu Parlamentari seduta numru 570 tal-04 ta’ Lulju 2001
[2] . Protocol against the Smuggling of Migrants by Land, Sea, and Air , supplementing the United Nations Convention against Transnational Organized Crime (2000)

qligh gie ekwiparat mal-qligh naxxenti mir-reat tas-serq.[3] Illi dina l-Qorti hija tel-fehma illi dana ir-reat huwa wiehed kompletament differenti. Ir-reat tas-serq huwa karaterizzat b'elementi li ma ghandhomx bazi fir-reat in dizamina bhall-element tal-hekk imsejjah "conrectatio" jew tat-tehid ta'l-oggett li irid necessarjament jipprecedi l-element tal-qliegh li f'dan il-kaz ma javverax ruhu. Sabiex jissussti dana ir-reat ghalhekk mhux kwalunkwe gwadan huwa mehtieg (bhal fil-kaz tas-serq fejn kif ighidu l-awturi is-semplici *godimento* huwa bizzejjed), izda irid ikun wiehed finanzjarju jew materjali.

Ikkunsidrat,

Maghmula dawna l-konsiderazzjonijiet, l-Qorti sejra tghaddi ghalhekk sabiex tapplikhom ghal kaz in dizamina. Illi mill-qari ta'l-atti jirrizulta illi dana l-kaz beda meta il-pulizija wasslitilhom informazzjoni anonima illi vicin il-fabbrika tal-Lowenbrau gewwa l-Marsa, kien hemm truck, jew trailer li kien qed ighabbi xi nies b'karnaggjon skura u kien qieghed iwassalhom sal-port fejn kien ser jitlaq il-catamaran lejn Sqallija. Il-pulizija tigi fornuta ukoll bin-numru ta' dan il-container li huwa FHQ073. Il-Pulizija ghalhekk jerhulha lejn il-port fejn iwaqqfu il-catmaran Maria Dolores milli jitlaq minn Malta lejn Sqallija, jitilghu abbord u f'dana it-trukk isibu immigrant illegali bl-isem ta' Toure Nuha fil-kabina. Minn investigazzjonijiet li isiru jirrizulta illi dana it-trukk kien qed jigi misjuq mill-imputat li ghalhekk jigi arrestat. Jidher illi meta dana l-immigrant jigi mitkellem mill-pulizija huwa jirrakonta illi kien ser ihallas l-ammont ta' €1300 lill-imputat sabiex dana jiehdu lejn Sqallija.[4] Nuha jitressaq il-Qorti u jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

L-imputat jigi interrogat. L-istqarrija tieghu huwa jikkonfermaha bil-gurament meta jixhed.[5] L-imputat jichad dana kollu. Ighid illi huwa jahdem bhala driver mas-socjeta Fomalco Group u spiss jiehu hsieb it-trasport ta'

---

[3] Ara sentenza The Police ve Dodi Bright deciza 25 January 2010

[4] Ara xhieda ta'l-Ispettur Mario Haber a fol. 24

[5] Ara stqarrija Dokument EC1 a fol.67 u xhieda ta'l-imputat a fol.129

merkanzija minn Malta lejn Sqallija. Ighid illi f'dak il-jum, huwa gie mgharraf ftit sighat qabel li kellu jitlaq lejn Sqallija u ghalhekk certament ma kellux hin bizzejjed sabiex jaghmel xi ftehim ma' Nuha. Ighid illi kif wasal il-Marsa vicin il-fabbrika tal-Lowenbrau, waqqfu dana Nuha u beda jittallab mieghu sabiex jiehdu mieghu lejn il-port biex jaqbad il-catamaran lejn Sqallija. L-imputat ighid illi ghall-ewwel irrifjuta izda dina l-perusna gabbitlu hniena ghaliex baqa' jinsisti mieghu u jittallablu sabiex ighamillu dana il-pjacir. L-imputat ghalhekk jaccetta u jiehdu mieghu sal-port. Hemmhekk huwa ighid li thassru u anke ipprova jixtrilu il-biljett, izda sakemm mar sabiex jistaqsi dwar il-prezz, ighid illi Nuha nizel mit-trukk u sparixxa. Ghalhekk huwa telgha abbord. Jinnega illi f'xi hin huwa talab xi flus lil dana l-immigrant jew li l-iehor offrielu xi flus sabiex ighamillu dana il-pjacir. Meta imbaghad il-pulizija jitilghu abbord huma isibu lil Nouha fit-trukk ta'l-imputat f'dik il-parti fejn ikun hemm is-sodod. Ma jidhirx illi Nouha kien mistohbi ghaliex il-pulizija mill-ewwel isibuh.

Illi Toure Nuha jingieb mill-prosekuzzjoni sabiex jixhed *viva voce* quddiem il-qorti. Illi fix-xhieda tieghu, Nuha essenzjalment jikkorrobora dak li ighid l-imputat. Huwa isostni illi l-imputat fl-ebda hin ma tallbu xi flus u hu fl-ebda hin ma hallsu. Ighid illi huwa kien wieqaf hdejn il-fabbrika tal-Lowenbrau u hekk kif lemah it-trukk ta'l-imputat ghamillu sinjal biex jieqaf ghax basar illi dana il-container kien sejjer lejn ix-xatt sabiex jirkeb il-catamaran. Ighid illi huwa beda jittallab ma'l-imputat sabiex irikkbu u anke beda jibki bid-disperazzjoni li kellu fuqu tant illi l-imputat fl-ahhar accetta li jaghmel dan u ghalhekk huwa rikeb hdejh fis-seat tal-passiggier. Kif wasslu ix-xatt ighid illi huwa nizel mit-trukk u qaghad jistenna hdejn it-trukk, imbaghad ighid li l-imputat rikkbu fuq wara fil-parti fejn hemm is-sodod. Nuha ighid:
"Ghandi nghid illi l-imputat lili ma talabni l-ebda flus sabiex ighamilli dan il-pjacir u nghid ukoll illi jiena lanqas ma hallastu l-ebda flus lilu talli rikkibni fit-trukk tieghu. Fuqi jiena kelli s-somma ta' €584 li mistoqsi x'sar minnhom

dawn il-flus nghid illi haduhomli l-pulizija meta dhalt il-habs."[6]

Illi ghalhekk kemm mix-xhieda ta'l-imputat kif ukoll ta' Nuha jirrizultaw is-segwenti fatti:

1. Illi meta jigi investigat, l-pulizija ma isibu l-ebda flus fuq il-persuna ta'l-imputat u lanqas fit-trukk tieghu.
2. Illi fuq il-persuna ta' Toure Nuha jinsab l-ammont ta' €584 u imkien ma jirrizultax illi kellu fuqu l-ammont ta' €1300 li allegatement kien ser ihallas lill-imputat.
3. Illi m'hemmx l-icken prova fl-atti li tista' tindika illi ghaddew xi flus bejn l-imputat u Nuha ghal dana l-allegat transport.
4. Illi ma hemmx prova fl-atti, lanqas, li tindika illi kien hemm xi ftehim bejn l-imputat u Nuha rigward dan it-trasport. Anzi l-imputat ighid illi gie mgharraf li kellu jaqbad il-catamaran mill-imghallem tieghu ftit sighat qabel. Dana huwa ikkonfermat minn Sandro Mallia stess.[7]
5. Nuha josfor meta l-imputat jinzel sabiex jiccekkja il-prezz tal-biljett mal-wasla taghhom ix-xatt.
6. Illi l-imputat rikkeb lil Nuha fit-trukk tieghu u wasslu sax-xatt ghaliex thassru.

Illi dawn il-fatti certament ma jistghux jikkostitwixxi l-elementi legali rikjesti mill-ligi ghal sejbien ta' htija ghar-reat in dizamina. Kif diga gie puntwalizzat iktar 'il fuq l-persuna illi tikkometti dana ir-reat u cioe' taccetta illi taghmel it-trasport ta' dawn l-immigranti, trid taghmlu ghal skop ta' qligh materjali jew finanzjarju. Illi f'dan il-kaz dana il-qligh ma jidhirx illi sar u lanqas jidher illi kien hemm xi ftehim bejn l-imputat u Nuha fejn l-imputat kien ser jaghmel xi forma ta' qligh. Jidher illi dana kien inkontru accidentali li sehh bejn l-imputat u Nuha fejn l-imputat thassar lil dina l-persuna u accetta li iwasslu sax-xatt. Ma hemmx prova fl-atti li jindika illi kien hemm xi kongura bejn dawn it-tnejn minn nies sabiex Nuha johrog minn Malta illegalment. Ghaldaqstant billi l-element ewlieni rikjest ghal kummissjoni ta' dana ir-reat huwa nieqes, l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

---

[6] Ara xhieda ta' Toure Nouha a fol 86.
[7] Ara xhieda ta' Sandro Mallia a fol.126

Illi dwar l-ewwel akkuza, billi dina hija necessarjament marbuta mat-tieni akkuza, l-Qorti ser tghaddi ukoll biex tillibera lill-imputat minn dina l-imputazzjoni. Fi kwalunkwe kaz il-ligi fl-artikolu 83A titkellem dwar l-assocjazzjoni ta' tnejn jew iktar minn nies ghal fini ta' kummissjoni ta' reat. Illi dana id-delitt tal-kongura gie ippromulgat fil-ligi penali taghna bl-istess Att numru III ta'l-2002. L-ghan ta' dina id-disposizzjoni tal-ligi kien illi tissahhah il-glieda kontra l-kriminalita' organizzata. Illi ma jidhirx illi f'dana il-kaz kien hemm xi organizazzjoni ta nies li kellhom bhala l-ghan taghhom it-trasport ta' immigrant illegali barra minn pajjizna. Dana johorg car mill-fattispecje ta' dana il-kaz kif spjegati iktar 'il fuq.  Ghaldaqstant lanqas dina l-akkuza m tista tirrizulta mill-provi li hemm fl-atti ta' dina l-kawza.

Ghaldaqstant fid-dawl tar-risultanzi processwali, l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------